# Il-Gandlora

Din is-sena t-2 ta' Frar se jaħbat il-Ħadd u bħala Knisja se niċċelebraw il-Gandlora, li hi l-festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju li tiġi mfakkra eżatt 40 jum mill-Milied. Din il-festa bdiet fir-IV seklu fl-Orjent u fis-seklu VII l-Papa San Serġju I daħħalha fil-kalendarju Ruman bħala festa Marjana msejħa tal-Purifikazzjoni ta' Marija, għaliex dakinhar minkejja li ma kellhiex bżonn Marija wettqet ir-rit tal-purifikazzjoni tagħha biex tidħol fit-Tempju kif mitluba bil-Liġi. Wara l-Konċilju Vantikan it-II però din il-festa reġgħet ħadet is-sens li kellha fil-bidu, bħala l-festa ta' Ġesù Kristu dawl tad-dinja u fiċ-ċelebrazzjoni jsir ir-rit tat-tberik tax-xemgħa. Għalhekk aħna nsejħulha Gandlora, għax ħadnieha mit-Taljan *Candelora*: isem li joħroġ mill-kelma *candela*, bil-Malti xemgħa.

Dan ir-rit, iżda ġie ispirat mill-kliem tax-xwejjaħ Xmuni li wara stennija ħerqana hekk kif jara lil Marija u lil Ġużeppi resqin lejh fit-Tempju biex jippreżentaw lil binhom Ġesù, hu jagħrfu bħala l-Messija u dlonk jinfexx ifaħħar lil Alla bil-kliem: "Issa o Sid tista' tħalli lil qaddej tiegħek imur fis-sliem skont kelmtek għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek, li int ħejjejt għall-popli kollha, dawl biex idawwal lill-ġnus u glorja tal-poplu tiegħek Iżrael" (Luqa 2,29-32).

Jalla aħna wkoll bħal Xmun matul din is-sena l-ġdida nkomplu nfittxu lil Ġesù fost dak kollu li ngħaddu minnu. Jekk fil-ġrajjiet tagħna ta' kuljum infittxu lilu, hu dlonk jiftħilna għajnejna u jgħinna naraw fihom sens ġdid. "Għax għandek hemm l-għajn tal-ħajja, fid-dawl tiegħek naraw id-dawl" jgħidilna s-Salm 36: għax bid-dawl tiegħu, dak li forsi ma konniex nifhmu għalfejn ġralna, narawh jieħu skop; dak li kien jidher jidher għalxejn, narawh isir importanti; dak li kien kawża ta' tbatija u mewt, narawh jinbidel f'mezz ta' salvazzjoni u ħajja għalina u għal ta' madwarna. Għax din hi l-esperjenza li jaf jagħmel magħna Ġesù xħin aħna nemmnu u nafdaw fih: idawwalna u jsebbaħna.



**Il-proċess għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex f'Settembru 2025:** Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' applikanti oħra, dawk li ġejjin minn skejjel tal-Gvern u Indipendenti, online bejn l-4 u s-27 ta' Frar. Informazzjoni dettaljata tista' tinkiteb minn fuq il-website tal-Kurja www.knisja.mt, imbagħad ikklikkja fuq Skejjel tal-Knisja.

**AVVIŻI:**

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Frar mistednin għas-**Siegħa tal-Ħniena Divina** biex nitolbu għall-ħtiġijiet tagħna u għal tant oħrajn. Tibda dritt wara l-Quddiesa tal-5.00pm. Kulħadd mistieden.

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Frar se ssir **Quddiesa fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina**. Tibda fl-4.00pm.

L-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl tixtieq tavża li minn nhar il-Ġimgħa 7 ta' Frar, il-membri tagħha se jkunu qed iduru bieb bieb biex jagħmlu l-ġabra għan-nar li se jinħaraq fil-festa. Bl-għajnuna tagħkom inkunu nistgħu norganizzaw programm ta' nar kif jixraq għall-festa tal-patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

Se ssir **Quddiesa minn Dun Raymond** nhar is-Sibt 8 ta' Frar, fis-6.00pm fis-Sala Parrokkjali. Fiha jintwera filmat dwar il-missjoni tiegħu fil-Perù. Wara jkun hemm tombla.

Nhar il-Ħadd 9 ta' Frar se tiġi ċċelebrata **Quddiesa tal-festa ta' San Blas.** Fl-10.00am jibda marċ bis-sehem tal-Banda Mnarja minn fejn taż-Żemek imbagħad il-Quddiesa tibda fl-10.30am. Isir it-tberik tal-annimali u prodotti argrikoli tal-bdiewa tal-inħawi.

Dawk li s-soltu jabbonaw fir-Rivista djoċesana **Il-Ħajja f'Għawdex**, li toħroġ kull xahar u kollha bil-kulur, jistgħu jġeddu permezz tal-voluntiera li f'dawn il-jiem qed jiġbru l-abbonamenti bieb bieb. Min jixtieq jabbona għall-ewwel darba, kulma għandu jagħmel hu jikteb ismu u l-indirizz, u jgħaddihom flimkien mal-ħlas fl-Uffiċċju Parrokkjali, inkella jżur il-paġna ta' Facebook "Il-Ħajja f'Għawdex" biex jabbona online. Il-prezz ta' abbonament hu ta' €21 fis-sena.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am